**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

MINUTI

`

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

Is-7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 84/2017

30 ta' Mejju, 2018

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Roderick Mamo – Kunsillier
Antonia Perini - Kunsilliera
James Cauchi - Kunsillier

**SKUZAT:**
Noyah Spiteri – Kunsilliera
Pablo Cachia Belli – Kunsillier

**ASSENTI:**
Ivan Agius – Vici-Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

## 84.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

84.1.1 Is-Sindku qrat e-mail li kien baghat il-Kunsillier Pablo Cachia Belli u li permezz taghha kien talab illi l-assenza tieghu mis-seduta tigi gustifikata ghal ragunijiet ta' studju. Fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Antonia Perini ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-Kunsill Lokali unanimament qabeli li l-assenza tal-Kunsillier Cachia Belli kellha tkun gustifikata.

84.1.2 Is-Sindku qrat korrispondenza li kienet baghtet il-Kunsilliera Noyah Spiteri u li permezz taghha kienet talbet li l-assenza taghha mis-seduta tigi gustifikata ghal regunijiet ta' studju. Fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Antonia Perini ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament qabeli li l-assenza tal-Kunsilliera Spiteri kellha tkun gustifikata.

## 84.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

84.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 83 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

84.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Roderick Mamo ssekondata mis-Sa. Antonia Perini, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

84.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

## 84.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

84.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet inzammet laqgha ma' rapprezentanti tal-Awtorita' tad-Djar u entitajiet ohra rigward progett ta' akkomodazzjoni socjali li kien ser ikun qieghed jigi implimentat fiz-zona ta' Triq Hanover.

84.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi kienu inzammu diversi laqghat b'konnessjoni ma' zewg attivitajiet li kien qieghed jigi ppjanat li jittellghu fil-lokalita' matul Gunju 2018. Is-Sa. Zerafa sahqet illi l-materja kienet ser tkun qieghda tigi diskussa f'aktar dettall waqt l-istess seduta.

84.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi inzammet konferenza ghall-istampa relatata mal-Cospicua Short Drama Festival. Is-Sindku ghaddiet lill-kunsill Lokali dettalji dwar l-attivita'.

84.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsill Lokali kien qieghed jikkollabora mal-*Cleansing Services Directorate* u kienet tkompliet skema ta' infurzar li kienet inzammet matul l-2017.

84.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi s-Supretendent tal-Ghassa tal-Pulizija kien iddiskuta maghha l-possibilita' illi jitpogga kontejnet fi Pjazza Gavino Gulia. Dan bil-ghan illi l-pulizija jkollhom post minn fejn jahdmu sakemm isir xoghol ta' rinovar tal-ghassa tal-pulizija.

84.3.6 Is-Sindku qalet illi matul Mejju 2018, kienet giet implimentata inizjativa li permezz taghha s-segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali kien ghadda sigar lil tfal li wrew interess li jkabbru sigra. L-istess sigar kellhom jithawlu fil-lokalita' meta jkun kibru tant li ma jibqghux fil-qsari.

84.3.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi waqt attivita' li kienet ittellghet minn Wasteserv Malta Ltd. Is-sa. Zerafa Civelli ziedet tghid, illi kien ta' sodisfazzjon kemm ghaliha kif ukoll ghall-Kunsill Lokali, illi waqt l-istess attivita' Bormla kienet rebah unur ghall-aktar lokalita' illi wriet titjib fil-gbir ta' skart organiku. Hija ziedet tghid illi l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana kif kien ser ikun qieghed jonfoq il-fondi relatati mal-istess attivita'.

F'dan l-istadju (18:30) is-Sinjura Alison Zerafa Civelli talbet lill-Kunsill Lokali jiskuzaha b'mod temporanju mis-seduta.

Mat-tluq tas-Sa. Zerafa Civelli is-seduta twaqqfet minhabba nuqqas ta' quorum

Is-Sinjura Zerafa Civelli regghet lura ghas-seduta (18:38). Is-Seduta tkompliet

## 84.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

84.4.1 Ma kienx hemm.

## 84.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet

84.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru05/18) ghall-approvazzjoni.

84.5.2 Fuq proposta tas-Sur Roderick Mamo ssekondat mis-Sur Pablo James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

84.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista’ ta’ petty cash mahrug matul ix-xahar ta’ April 2018 ghall-approvazzjoni.

84.5.4 Fuq proposta tas-Sur Roferick Mamo ssekondat mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

84.5.5 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista’ ta’ petty cash mahrug matul ix-xahar ta’ Mejju 2018 ghall-approvazzjoni.

84.5.6 Fuq proposta tas-Sur Roferick Mamo ssekondat mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK C).

## 84.6 Sejhiet ghall-offerti

84.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li kellha diskussjoni mas-Segretarju Ezekuttiv, kienet tal-parir illi l-Kunsill Lokali johrog sejha ghall-offerti ghas-servizz ta’ *Contracts Manager*. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi minbarra li jkun legalment konformi, kemm il-darba l-proposta timmaterjalizza, kien ser ikun hemm monitoragg ahjar tal-kuntratti li l-Kunsill Lokali kellu, b’mod specjali fejn jidhlu servizzi. Wara diskussjoni libera, li matulha gie diskuss l-operat tal-eventwali contracts manager, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellu jimxi fuq il-proposta tas-Sindku. L-amministrazzjoni kellha tieghu hsieb thejji d-dokument tas-sejha ghall-offerti li kellu jintbaghat lill-Kunsilliera ghall-approvazzjoni.

84.6.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b’konnessjoni ma’ sejha ghall-offerti ghas-servizz li kienet inharget mill-Kunsill Lokali, il-Kunsill Lokali kien ghadu qieghed jistenna illi jiltaqghu l-evalwaturi sabiex ikun jista’ eventwalment jitkompla l-process ta’ aggudikar.

## 84.7 Audited Financial statements ghas-sena 2017.

84.7.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali dokument finali tal-audited Financial statements ghas-sena 2017

84.7.2 Wara diskussjoni libera li matulha gie spjegat lill-Kunsilliera prezenti kif l-Audited Financial Statements ghas-sena 2017, kienu jirriflettu dak li kien gie diskuss f’seduti precedenti, fuq kunsiderazzjoni tal-Kunsillier James Cauchi ssekondat mill-Kunsilliera Antonia Perini, il-Kunsill Lokali b’mod unanimu approva d-

dokument hekk kif imressaq.

**84.8 Management Letter 2017 u risposta tal-Kunsill**

84.8.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali l-*management letter* li kien ircieva l-Kunsill Lokali, flimkien ma' abbozz ta' dokument b'risposti ghall-punti li kienu tqajmu mill-udituri tal-Gvern Centrali. Is-Sa. Zerafa stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega fid-dettall iz-zewg dokumenti.

84.8.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv qara d-dokument tal-management letter u r-risposti rispettivi ghall-punti li kienu tqajmu, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sa. Antonia Perini, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif propost.

**84.9 Rapport Amministrattiv 2017**

84.9.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz tar-rapport amministrattiv ghas-sena 2017 ghad-diskussjoni. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-istess rapport kien diga' gie mghoddi lill-Kunsill Lokali ghall-kunsiderazzjoni u ghaldaqstant talbet lil minkellu xi kummenti sabiex iressaqhom fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali

84.9.2 Wara li gie diskuss l-imsemmi rapport, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondat mis-Sa. Antonia Perini, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif propost.

**84.10 Tismija ta' toroq**

84.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-kumitat ghat-tismija tat-toroq kien gibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali ghall-fatt illi fiz-zona ta' fuq San Pawl kien hemm zewg toroq li kienu msemmija Triq Felic u kien hemm hames toroq li kien jisimhom Fuq San Pawl. Fir-rigward, l-istess kumitat talab lill-Kunsill Lokali jidentifika ismijiet godda ghat-toroq imsemmija sabiex is-sitwazzjoni tigi ratifikata. Dan peress illi kien qieghed ikun hemm diversi diffikultajiet li kienu qieghdin jigu kkawzati lir-residenti u individwi/kummercjanti li joffru servizzi fiz-zona.

84.10.2 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-materja ma kelliex tigi diskussa waqt is-seduta. Minflok, il-Kunsilliera kellhom jinghataw ic-cans li jirriflettu u jipproponu ismijiet ghat-toroq in-kwistjoni.

**84.11 Bormla Dock 1 V2 International Powerboat Championship**

84.11.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kellha laqghat dwar il-possibilita’ illi fil-lokalita’ matul ix-xahar ta’ Gunju 2018 tittella’ attivita’ li kienet tikkoncerna tlielaq bejn opri tal-bahar. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-attivita’ kienet qieghda tigi proposta li tittella’ b’kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali ta’ Bormla u l-kumpanija Voomquest. Hija ghaddiet imbaghad sabiex taghti dettalji dwar id-diskussjonijiet li kellha u sahqet illi kien mistenni illi kemm il-darba timmaterjalizza l-attivita’ kienet ser tkun qieghda tigbed lejn il-lokalita’ eluf ta’ vizitaturi.

84.11.2 Segwiet diskussjoni libera li matulha gie diskuss fost l-ohrajn ir-rwol tal-Kunsill Lokali fl-attivita’ u l-aspett finanzjarju. Fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondat mis-Sa. Alison Zerafa Civelli, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi l-istess Kunsill Lokali kellu jkun responsabbli mill-ispejjez relatati mal-pulizija, liema spejjez ma kellhomx jammontaw ghal aktar minn €3566. Il-Kunsill Lokali kellu wkoll jidhol ghall-ispiza relatata mat-trofej li kellhom jinghataw lir-rebbieha tal-kompetizzjoni, liema trofej kienu jiswew €1395 u l-ikel li kien qieghed jigi propost li jinxtara ghal welcome reception li kellha tiftah l-attivitajiet. Rigward l-ahhar materja, kellhom jingabru tliet kwotazzjonijiet sabiex il-Kunsill Lokali ikun f’pozizzjoni ahjar li jevalwa s-sitwazzjoni.

**84.12 Cospicua Short Play Festival**

84.12.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali, illi kienu ghaddejjin b’pass mghaggel il-preparamenti sabiex hekk kif diskuss il-Kunsill Lokali jorganizza l-ewwel edizzjoni tal-*Cospicua Short Play Festival*. Fir-rigward, is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi hekk kif ippjanat kienet inzammet konferenza ghall-istampa li ghaliha kien prezenti l-Onor. Silvio Parnis. Is-Sindku ziedet tghid illi minkejja li ghall-konferenza ghall-istampa ma kenitx attendiet media, wara li l-Kunsill Lokali tella’ l-konferenza ghall-istampa fuq il-media socjali, kien evidenti li l-attivita’ kienet ser tkun qieghda tintleqa’ tajjeb hafna.

**84.13 Malta French Re-Enactment Group**

84.13.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet iltaqghat mas-Sur Martin Degiorgio li kien il-kordinatur tal-attivitajiet li kien qieghed jigi ppjanat li jittellghu fl-okkazjoni tal-220 sena mill-hakma Franciza. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, kienu saru l-kordinamenti mehtiega sabiex 250 persuna li kienu ser ikunu qieghdin fil-lokalita’ bejn it-3 u t-12 ta’

Gunju 2018 ikunu jistghu jigu akkomodati fil-binjiet maghrufa bhala Rialto u fil-binja amministrativa tal-Kazina tal-Banda San Gorg. Hija ziedet tghid illi l-istess 250 ruh kienu ser ikunu qieghdin iduru madwar it-toroq ta' Bormla, liebsa l-kostumi tal-epoka matul iz-zjara taghhom. Fl-istess waqt, nhar is-7 ta' Gunju 2018 fil-17:15, fi pjazza Paolino Vassallio u z-zona tal-madwar, il-grupp kollu kien ser ikun qieghda itella' attivita' bhala ringrazzjament tal-ospitalita' lill-komunita' Bormliza. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi kellha tintbaghat ittra lir-residenti sabiex ikunu infurmati bl-attivitajiet.

**84.14 Pjan Strategiku ghall-Kottonera ( Kumitat ghar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera)**

84.14.1 Is-Sindku informat lill-Kunsill Lokali illi wara li l-kumitat ghar-rijabilitazzjoni tal-kottonera kien gie mqabbad ifassal pjan strategiku ghall-kottonera, kienu inzammu numru ta' laqghat mas-Sindki u Kunsilliera tal-kottonera. Fir-rigward, il-Kunsilli Lokali rispettivi kienu gew mitluba jipprezentaw numru ta' proposti bil-ghan illi kemm il-darba jkunu meqjusa bhala validi, jigu inkluzi fil-pjan imsemmi. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv, kienet qieghda thejji abbozz ta' dokument sabiex jitressaq ghad-diskussjoni tal-Kunsill Lokali. Hija hegget lill-kunsilliera sabiex iressqu l-proposti u idejat taghhom ghal-lokalita'.

**84.15 Kuntratt ma' Grand Harbour Marina**

84.15.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet xtarret tajjeb il-kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu ma' Grand Harbour Marina rigward mazzri li kien hemm fil-konfini tal-lokalita' u li kellhom jigu amministrati minn organizzazzjoni f'isem l-istess Kunsill Lokali , kienet tal-opinjoni li tinzamm laqgha mal-istess Grand Harbour Marina bil-ghan illi anomaliji li kienu gew innotati mill-udituri tal-Gvern Jigu ratifikati. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, fl-opinjoni taghha, il-Kunsill Lokali kellu jkun miftuh ghal kull possibilita' inkluz iffirmar ta kuntratt gdid wara negozjati. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq is-suggeriment tas-Sindku u jitlob laqgha fl-iqsar zmien possibbli.

**84.16 Diamonds of Fire 2018**

84.16.1 Is-Sindku qalet illi hekk kif deciz fis-seduta precedent, il-Kunsill Lokali kien qieghed jahdem sabiex kemm il-darba ikun possibbli f'Dicembru 2018 itella' attivita' bl-isem ta' Diamonds of Fire 2018. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, il-Kunsillier Roderick Mamo kien qieghed izomm numru ta' laqghat u

kien beda l-process ghall-gbri ta' stimi sabiex eventwalment, il-Kunsill Lokali ikun f'pozizzjoni li jiehu aktar decizjonijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar lill-Kunsill Lokali fl-importanza li ghall-attivita' msemmija, tinkiseb ghajnuna l-finanzjarja li setghet taghmel l-attivita' possibbli.

**84.17 Azzjoni Legali mill-Kunsill dwar irkupru ta' dejn**

84.17.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi minkejja d-diversi ittri li l-Kunsill Lokali kien baghat rigward irkupru ta' dejn minghand individwu, liema dejn kien jirrelata ma' kera u konsum ta' dawl u ilma fi Grawnds Peppi Delceppo, il-Kunsill Lokali kien ghad ghandu jiehu lura eluf ta' ewro, bl-istess individwu ma jghaddix pagamenti lill-Kunsill Lokali ghal xhur shah. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, is-Segretarju Ezekuttiv kien gibidilha l-attenzjoni ghall-fatt illi l-materja kienet sahansitra issemmiet fil-management letter ghas-sena 2017 u kien irrakkomanda illi l-Kunsill Lokali jqabbad avukat bil-ghan illi tittiehed azzjoni sabiex is-sitwazzjoni tigi ratifikata sa tmiem is-sena. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellu jitqabbad Dr.Marc Simiana sabiex jaghti parir legali lill-Kunsill Lokali dwar il-materja.

**84.18 General Data Protection Regulations**

84.18.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi nhar il-25 ta' Mejju 2018, kien dahal fis-sehh General Data Protection Regulation gdid. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward kien hemm multi horox ghal min imur kontra l-imsemmija regolamenti. Is-Sindku ziedet tghid illi fir-rigward, l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet ser tkun qieghda tahdem fuq *retention policy* flimkien ma' formoli ta' kunsens ghall-klijenti fejn applikabbli.

**84.19 Gnien ta' Hubbard Flats**

84.19.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet iltaqghet mal-perit tal-Kunsill Lokali bil-ghan illi jsiru pjanti sabiex tkun tista' ssir rigenerazzjoni tal-istess gnien. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi kienet tezisti l-possibilita' illi l-istess progett ikun parzjalment iffinanzjat minn terzi. Wara li l-Kunsilliera prezenti gew murija l-pjanti tal-progett, kien hemm qbil illi s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv kellhom jipprocedu bid-diskussjonijiet mal-perit u ma terzi u jinfurmaw lill-Kunsill Lokali b'eventwali zviluppi li seta' jkun hemm.

**84.20** **Xoghol ta' tarmak permezz ta' fondi tar-Regjun Xlokk**

84.20.1 Is-Sindku infurmat lill-membri tal-Kunsill Lokali b'inizjativa tar-regjun xlokk li permezz taghha, il-Kunsilli lokali li jiffurmaw parti mir-regjun imsemmi setghu jibbenefikaw minn fondi ghal ghoti ta' tarmac. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward kien tqabbad il-perit tal-Kunsill Lokali jaghmel stima ghal major patching fi Triq il-Gendus, Triq il-Polverista u Triq Alessadra, liema stimi gew impoggija fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali ghall-kunsiderazzjoni tal-kunsilliera prezenti.

84.20.2 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellu jsir xoghol fuq Triq il-Gendus. Minhabba li l-istimi tal-perit kienu jammontaw ghal ghexieren ta' eluf ta' ewro u l-iskem kienet tkopri sa massimu ta' €12,704.44, il-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra l-possibilita' illi ma jsirux ix-xogholijiet kollha li kienu gew ippjanati originarjament.

**84.21** **Gnien il-Kottonera**

84.21.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu waslulha diversi rapport dwar allegat vandalizmu fi Gnien il-Kottonera. Minbarra li apparat li kien hemm fil-parti ta' fuq tal-gnien kien gie vvandalizzat, is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi kellha ilmenti dwar serq ta' cables tad-dawl bil-possibilita' illi l-istess *wires* setghu ikunu ta' periklu ghal min jiffrekwenta z-zona.

84.21.2 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi dwar il-materja kellha tintalab laqgha mad-direttur generali tad-Dipartiment tax-xogholijiet fi hdan il-Ministeru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali. Minbarra li jissewwew il-hsarat, l-imsemmija laqgha kellha sservi sabiex jigi diskuss f'dettall il-futur ta' Gnien il-Kottonera.

**84.22** **Reklamar fuq ghamara tat-toroq**

84.22.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' sett ta' bye-laws li dwar reklamar fuq ghamara tat-toroq applikabbli ghal-lokalita', il-Kunsill Lokali kien ircieva zewg applikazzjonijiet. L-applikazzjonijiet kienu jikkoncernaw talbiet ghal U-Channels ghal quddiem stabbiliment tal-ikel fi Triq Dom Mintoff u table ghal U-channels sabiex jigi reklamat negozju ta' Guesthouse li kien jinsab fi Triq San Gorg. Wara li inghataw id-dettalji taz-zewg applikazzjonijiet kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi ma kellha tinsab ebda oggezzjoni. Il-

Kunsill Lokali gie infurmat ukoll b'abbozz ta' dokument li kien thejja bil-ghan illi jigi ffirmat bejn il-Kunsill Lokali u min ikun qieghed jaghmel ir-reklamar galadarba l-applikazzjoni rispettiva tigi approvata mill-Kunsill Lokali u jkun hemm qbil fuq il-materjal li kien ser jigi reklamat.

**84.23 Publikazzjoni tal-Kunsill Lokali**

84.23.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-kumpanija maghzula sabiex tistampa publikazzjoni li kien iddecieda li jibda' jippublika l-Kunsill Lokali kienet baghtet il-mostra tax-xoghol. Ghaldaqstant, l-amministrazzjoni kienet ser tibda' tahdem fuq l-abbozz tal-pubblikazzjoni, liema abbozz kien ser ikun qieghed eventwalment jigi mghoddi lill-kunsilliera ghall-approvazzjoni.

**84.24 Mozzjonijiet**

84.24.1 *<u>Mozzjoni numru 04/2018</u>*

*Nipproponi li l-Kunsill isib mod kif jizdied id-dawl fi Triq Dom Mintoff, Pjazza Paolino Vassallo kif ukoll Triq Santa Tereza ghaliex qed isiru diversi abbuzi. Din il-proposta qed issir ukoll wara diversi talbiet minn residenti kif ukoll sidien ta' hwienet fiz-zona*

Proponent : Roderick Mamo
Sekondant : James Cauchi
Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

84.24.2 *<u>Mozzjoni numru 05/2018</u>*

*Nipproponi li l-monument li jfakkar il-Jum tal-Pellegrinagg tad-19 ta' Novembru 1944 kif ukoll il-Vittmi tal-Gwerra, jigi restawrat ghaliex jidher li ghandu xi hsarat li jista' jkun li saru meta kien sar xoghol ta' restawr fuq il-balavstri. Nissuggerixxi wkoll biex is-sigar tac-cipress li hemm fuq il-genb tal-istess monument jitnehhew u minflokhom isiru sigar jew fjuri aktar adattati jew isiru turf biex isebbah iz-zona. Fl-istess waqt nipproponi li jinbidlu l-qsari kbar li hemm quddiem l-istess monument u minflok jitpoggew qwari simili ghal dawk li l-Kunsill ricentement ghamel quddiem il-parrocca.*

Proponent : Roderick Mamo
Sekondant : Antonia Perini
Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

## 84.25 Rapporti

84.25.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Ma kellha tinsab ebda oggezzjoni ghal talba li kienet tressqet minn MPD Malta ghal hruq ta' nar minn fuq il-binja tal-klabb tar-regatta sakemm ix-xoghol ikun kopert bil-permessi mehtiega
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra l-possibilita' illi jidhol fi shubija mal-Klabb tal-bocci ta' Santa Margerita sabiex fiz-zona ta' Triq il-Mithna jigi implimentat progett ta' *playing field*.
- Kien hemm qbil illi jingabru stimi ghal kotba li l-librar tal-librerija pubblika ppropona li jinxtraw sabiex kemm il-darba ikun possibbli jinxtraw il-kotba u jitpoggew fil-librerija.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'e-mail li s-Segretarju Ezekuttiv kien baghat lill-kuntrattur tal-knis rigward nuqqasijiet li kienu gew innutati fis-servizzi li l-istess kuntrattur kien jaghti lill-Kunsill Lokali.
- Kien hemm qbil illi s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv kellhom jattendu ghal symposium tal-organizzazzjoni European Walled Towns li kien ser jinzamm fil-belt Valletta bejn it-13 u l-15 ta' Settembru 2018.
- Permezz ta' ittra datata 16 ta' Mejju 2018, il-Kunsill Lokali gie infurmat bi premju li kien intrebah mil-lokalita' b'konnessjoni mal-progett pilota ta' gbir ta' skart organiku.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'ittra li kienet intbaghtet rigward laqghat ghal ghaqdiet volontarji fil-lokalita'.
- Il-Kunsill Lokali gie ikkupjat f'ittra li intbaghtet lil Cospicua Boating Group mill-Avukata Kristina Rapa Manche, liema ittra kienet tikkoncerna mazzri li kien hemm fix-xatt ta' Bormla.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'talba li kienet saret sabiex biswit bus stop li kien hemm fi pjazza Santa Margerita jitpogga kiosk tal-ikel. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi fil-frattemp, il-persuna li kienet baghtet l-ittra kienet sabet sit iehor minn fejn tibda' tiggestixxi n-negozju li kienet topera
- Gie deciz illi kellha tintbaghat lil Transport Malta korrispondenza li l-Kunsill Lokali rcieva rigward spazju ta' parkegg riservat fl-okkazzjoni ta' funeral.
- Gie deciz illi kemm il-darba jkun possibbli, kellha tittella' attivita' li kienet qieghda tigi proposta mill-Kunsilliera Antonia Perini. L-istess attivita' kellha tigi organizzata matul is-sena 2018. Kien hemm qbil illi kellha ssir laqgha bejn rapprezentanti tal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali u l-Kunsilliera Perini bil-ghan illi jibdew jigu diskussi materji logistici marbuta

mal-istess attivita'.

- Kellu jittiehed ritratt u jintbaghat lill-Kunsilliera sabiex tkun tista' tigi evalwata ahjar talba ghal U-Channel fi Triq il-Pellegrinagg.
- Permezz ta' ittra datata 8 ta' Mejju 2018, l-Awtorita' ghall-Ippjanar lill-Kunsill Lokali ta' Bormla, illi l-lokalita' kienet wahda minn 28 Kunsill Lokali li setghet tibbenefika minn fond ta' €50 000 ghal tisbih ta' spazji pubblici miftuha.
- Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadmet fuq stimi sabiex ikunu jistghu jigu trasportati fondi li jircievi l-Kunsilll Lokali il-bank sabiex jigu depozitati. Is-Sindku ziedet tghid illi minkejja li kienu ilhom jintbaghtu e-mails minn nhar it-3 ta' Marzu 2018, sal-gurnata tas-seduta, il-Kunsill Lokali kien ghadu rcieva stima wahda, liema stima kienet tammonta ghal 21 (VAT eskluz) ghal kull vjagg. Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi fid-dawl tal-urgenza tal-materja, il-Kunsill Lokali kellu jimxi skont l-istima li kienet dahlet u jordna s-servizzi tal-kumpanija.
- Kien hemm qbil illi bil-materjal li kien gie pprovdut, il-Kunsill Lokali ma kienx f'pozizzjoni li jiehu decizjoni rigward offerta li kienet waslet minghand Recycling Malta Textile ghall-gbir ta' hwejjeg mil-lokalita'. Fir-rigward, kellhom jintalbu aktar dettalji

**84.26 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

84.26.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fid-8:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 27 ta' Gunju 2018 fis-5:30p.m.

Konfermati, illum 27 ta' Ġunju, 2018

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ________________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |